**27 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Frank Cilia *noe*

*versus*

Charles Scicluna

## Kontrattazzjoni f'Isem Soċjetà jew *Proprio*

*Normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor.*

*Fuq evalwazzjoni tal-fatti, il-Qorti sabet illi l-konvenut ma kienx indika li kien qed jirċievi l-merkanzija f'isem soċjetà konsegwentement ir-relazzjoni ġuridika kienet mal-konvenut proprio u mhux mas-soċjetà.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut jinsab debitur ta' l-attur *nomine* fis-somma ta' tliet mija u wieħed u sittin lira u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm361.73) rappreżentanti prezz ta' ikel tal-friża u merċi oħra mibjugħa u kkonsenjati lill-istess konvenut;

Peress illi l-konvenut nonostante li ġie interpellat sabiex iħallas baqa' inadempjenti; l-istess attur talab li din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tliet mija u wieħed u sittin lira u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm361.73) rappreżentanti prezz ta' ikel tal-friża u merċi oħra mibjugħa u kkonsenjat lill-konvenut;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Diċembru 1990 u bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa li personalment ma għandu jagħti xejn lis-soċjetà attriċi;

In-negozju sar mill-kumpanija "*M.Q.S. Services Limited*" li llum m'għandhiex fondi;

Salvi eċċeżzjonijiet ulterjuri;

Eżaminat il-provi kollha li tressqu u rat l-atti l-oħra kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

L-unika kontestazzjoni tal-konvenut hi li huwa personalment ma għandu jagħti xejn billi qiegħed jallega li n-negozju sar mas-soċjetà *M & S Services Limited;*

Il-konvenut kien jiġestixxi ħanut f'San Ġwann fl-isem ta' *Agora Self Services.* Huwa xehed li l-oġġetti li xtara akkwistahom għan-nom tal-kumpanija *M & S Services Limited;*

In sostenn ta' dan il-konvenut esebixxa żewġ *invoices* (a fol. 22 u 23) li juru li meta rtira l-merkanzija hemm indikata

hu ffirma għan-nom ta' *M & S Services Limited*. Esebixxa wkoll għaxar *cheques* (a fol. 24 sa 33) li juru li meta l-konvenut ħallas lill-attur, il-ħlas sar mill-kont ta' *M & S Services Limited;*

Illi min-naħa l-oħra, l-attur xehed li hu mal-konvenut biss kellu x'jaqsam u li l-konvenut qatt ma semmielu din is-soċjetà. Sema' l-ewwel darba b'din is-soċjetà waqt il-kawża. L-*istatements* u l-ittri dejjem ħarġu fil-konfront tal-konvenut personalment, (ara fol. 13, 15, u 16). L-attur xehed li hu kellem lill-konvenut bit-*telephone* u dan ma nnegax li kellu jħallas jew li d-debitu ma kienx tiegħu iżda ta' xi soċjetà. Kien talbu biss ftit ta' żmien biex iħallas minħabba problemi ta' finanzi u mard;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Hu magħruf illi terza persuna tista' tħallas dejn ta' ħaddieħor u normalment, il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li terza persuna toffri lilu (art. 1148, 1149 kodiċi ċivili) Kap. 16. S'intendi jekk id-dejn ma jitħallasx kollu mit-terz l-obbligazzjoni tibqa' xorta waħda veljanti fil-konfront tad-debitur;

Illi hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta li f'isem ħaddieħor;

Il-piż tal-prova li min ikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni;

Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubji l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż (*Troplong mandato No. 50*) ċitata fil-kolloiez. Vol. XLII-II-P. 203). *Inoltre*, għandu jiġi rrilevat li l-liġi teżiġi (art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni għandha ssir u tiġi esegwita in *buona fede;*

Ikkunsidrat:

*Illi* applikati dawn il-prinċipji legali għall-provi *miġbura* b'din il-kawża, din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement li hu mhux obbligat personalment li jħallas il-kreditu tas-soċjetà attriċi. Fi kliem ieħor, ma rriżultax sodisfaċentement li meta l-konvenut innegozja mas-soċjetà attriċi, *a tempo vergine,* ġab a konjizzjoni tagħha li hu kien qiegħed jixtri għan-nom u in rappreżentanza ta' soċjetà u li din is-soċjetà biss kienet obbligata għall-ħlas;

Għandu jiġi enfasizzat li ebda waħda mill-*invoices* esibiti ma ġiet intestata fil-konfront tas-soċjetà *M & S Services Limited,* iżda sempliċement ġiet intestati "Agora SS S. Ġwann";

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, meta saret il-konsenja, il-konvenut ma iffirmax li kien qiegħed jirċievi l-merkanzija f'isem xi soċjetà. Fl-*uniċi żewġ okkażjonijiet li rriżulta li għamel hekk,* hu ma indikax lis-soċjetà li semma fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet iżda indika soċjetà differenti, ċjoè lil *"M & S Limited";*

Il-Qorti issaqsi: – Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibgħuta mis-soċjetà attriċi *(Invoices, Statements,* Ittri) ma kinux qegħdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat għaliex ma issenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-soċjetà attriċi biex

il-fatti jkunu kjari mill-bidunett? Għaliex stenna li ssir din il-kawża biex żeffen fin-nofs lis-soċjetà tiegħu, li issa ddikjara li m'għandhiex fondi? Għalhiex meta kellem lill-attur, wara li għalaq il-ħanut, ikkuntenta ruħu li sempliċement jitlob aktar żmien għall-ħlas minħabba diffikultajiet li kellu inkluż mard u ma qallux li hu ma kellu jagħtih xejn personalment?

Illi dawn id-dubji kollha jillimitaw kontra t-teżi tal-konvenut u għalhekk l-eċċezzjoni li ma tistax tintlaqa';

Illi l-konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni oħra, filwaqt li l-attur issostanzja sodisfaċentement it-talba tiegħu;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* eżattament kif dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż għall-konvenut.